

Iċ-Ċentru Konġunt Għar-Riċerka u FP7

Iċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunt huwa Direttorat-Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea. Huwa jikkonsisti minn seba' Istituti ta' riċerka li jinsabu f'ħames Stati Membri ta' l-UE (Il-Belġju, il-Ġermanja, l-Italja, l-Olanda u Spanja). Magħmul minn 2,700 impjegat, DG JRC għandu rwol attiv biex jgħin fit-tiġh ta' Ewropa aktar żgħira, aktar nadifa, aktar b'saħħitha u aktar kompetittiva

Id-DG JRC għandu missjoni biex jipprovi appoġġ xjentifiku u tekniku skond l-esiġenzi tal-klijent mill-konċepiment, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politika ta' l-UE. Bħala servizz tal-Kummissjoni Ewropea, DG JRC jaħdem bħala ċentru ta' referenza xjentifika u teknoloġika għall-Unjoni. Viċin tal-proċess tat-tfassil tal-politika, huwa jservi l-interess komuni ta' l-Istati Membri, fl-istess waqt ikun indipendenti minn interessi speċjali, kemm jekk huma privati jew nazzjonali.

Il-Gvern

Bord ta' gvernaturi, magħmul minn rappreżentanti ta' livell għoli mill-Istati Membri ta' l-UE, Il-Pajjiżi Kandidati u Assoċjati, jagħti pariri fuq strateġija, programm ta' xogħol, baġit u ħatriet ta' livell għoli. Il-klijenti tagħna f' Kummissjonijiet ta' Direttorati-Ġenerali huma kkonsultati fuq il-Programm ta' Xogħol annwali permezz ta' Grupp ta' Utenti ta' livell għoli. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma bl-istess mod ikkonsultati fuq il-parteċipazzjoni tagħna fil-Programmi ta' Qafas ta' Xogħol.

Ir-Riżorsi Tagħna

DG JRC huwa allokat baġit annwali ta' €320 miljun għall-appoġġ dirett lill-Istituzzjonijiet ta' l-UE mis-Seba' Programm ta' Qafas tax-Xogħol (FPe (FP7)). Huwa jaqla' sa 15% oħra minn attivitajiet kompetitivi.

Kompetenza, Faċilitajiet, Imsieħba

- Kapaċitajiet analitiċi multi-dixxiplinarji u sensiela unika ta' laboratorji speċjalizzati ħafna, faċilitajiet u strumenti tal-kejl ta' l-ogħla kwalità.
- Aħna nikollaboraw fi ħdan netwerk ta' aktar minn 1,000 organizzazzjonijiet pubbliċi u privati, inklużi ċentri ta' riċerka, universitajiet, korpi regolatorji, awtoritajiet lokali, assoċjazzjonijiet u industrija.
- Aħna kommessi li nħarġu xjentisti żgħażaġh, nimobillizzaw riċerkaturi, u li ngħinu Stati membri ġodda fl-aspetti xjentifiċi-tekniki tal-korp tal-liġi ta' l-UE. DG JRC huwa din l-integrazzjoni sħiħa fl-Qasam ta' Riċerka Ewropea.

Klijenti

- Il-klijenti ewlenin tagħna huma d-Direttorati-Ġenerali tal-politika tal-Kummissjoni, għalkemm aħna nagħmlu ukoll xogħol sostanzjali għall-Istituzzjonijiet u l-Awtoritajiet ta' l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, l-Aġenzji tal-Komunità u Eżekuttivi.

l-prijoritajiet tagħna għal FP7

Il-prosperità f'soċjeta ta' konnoxxenza intensiva tinkludi l-iżvilupp, impieġ, konnoxxenza, u kompetività. DG JRC jiffoka fuq kuntest reġgulatorju, l-iżvilupp ta' standards ta' qisien u tqabbil tad-dejta; u sapport ta' oqsma ewlenin ta' politika bħal enerġija, trasport, informazzjoni, kimika u bioteknoloġiji. Sapport dirett għat-tfassil tal-politika jiġi pprovdut fl-oqsma tal-politika ekonomika, tas-suq u fiskali.

Il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi minn dejjem kien xogħol ta' prijorità għal DG JRC, b'mod partikolari f'oqsma ta' l-agrikoltura u l-ambjent. It-tema "ambjent u saħħa" qed toħroġ bħala fokus ta' attenzjoni ġdid waqt li l-bidla fil-klima tibqa' karatteristika ewlenija.

Is-sigurtà u l-ħelsien huwa qasam ta' tħassib għall-Unjoni li dejjem qed jikber. DG JRC se jiffoka li jipprovi sapport tekniku fuq kwistjonijiet ta' sigurezza interna fejn l-azzjonijiet reċiproki bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri qegħdin jespandu. Attivitajiet se jkomplu f'oqsma politiki stabbiliti sewwa fejn ħafna sfidi ġodda huma mistennija, inklużi s-sigurtà ta' l-ikel u l-għalf u r-reazzjoni għad-diżastri.

L-Ewropa bħala sieħba fid-dinja tinvolvi l-appoġġ tad- DG JRC f'firxa ta' politika esterni (eż. negozju internazzjonali/kontra l-frodi, azzjoni Komunitarja rilevanti għall-istabilità, non-proliferazzjoni u politika esterna u ta' sigurtà komuni, żvilupp ta' politika ta' kooperazzjoni u għajjnuna umanitarja, politika ta' għaqda tal-ġirien Ewropea eċċ.). Din id-dimensjoni globali hija ta' relevanza kritika għax-xejriet ta' politika futura ta' l-UE; tmiss kwistjonijiet ta' sigurtà u żvilupp ta' kooperazzjoni.

Il-programm EURATOM bħala rwol għad-DG JRC jinvolvi konnoxxenza ta' l-iżviluppar u ġbir flimkien, l-għoti ta' dejta xjentifika/teknika kruċjali u appoġġ għas-sigurtà/sigurezza, affidabilità, sostenibbiltà, u kontroll ta' l-enerġija nukleari; inkluż l-istima ta' aspetti ta' sigurtà u sigurezza relatati ma' sistemi innovattivi/futuri.

Il-valur miżjud tagħna

- Flessibilità meta nrispondu għal ħtiġijiet li qed jinbidlu assoċjati ma' l-evuluzzjoni ta' politiki ta' l-UE għal waqt id-dewmien ta' seba' snin tas-Seba' Programm ta' Tfassil, 2007-2013.
- Fokus fuq kwistjonijiet li huma importanti f'termini ta' tħassib soċjo-ekonomiku, li għandu dimensjoni Komunitarja ċara u komponent qawwi ta' riċerka u żvilupp.
- Attenzjoni għal forniment ta' kompetenza ta' kwalità u appoġġ għas-servizzi l-oħra tal-Kummissjoni, kif isiru magħrufa u sitwazzjonijiet ta' kriżi.
- Tisħiħ tal-kompetenzi u faċilitajiet f'oqsma ġodda ta' stħarriġ li huma rilevanti għal xejriet ta' politika futura.
- Żieda fl-affidabilità fuq netwerks u tisħib ma' l-istituzzjonijiet u gruppi esperti oħrajn li jfittxu oġġettivi u nteressi simili. DG JRC se jżid ukoll ir-rwol tiegħu bħala koordinatur tekniku ta' netwerks esperti f' Direttorati-Ġenerali oħrajn tal-Kummissjoni Ewropea.
- Appoġġ kontinwu minn jum għal jum fil-preparazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tar-regoli ta' l-UE.

"mingħajr ħafna kliem żejjed jista' jingħad li kull politika pubblika sostenibbli teħtieġ bażi xjentifika bir-reqqa għall-evalwazzjoni bl-attenzjoni ta' l-impatt li l-implimentazzjoni tagħha ser tħalli. Il-politika ta' l-UE mhix eċċezzjoni. Dan huwa fejn il-JRC jilgħab rwol importanti." Janez Potočnik, Kummissarju Ewropew għax-Xjenza u r-Riċerka.

FATTI TA' MALAJR fuq l-Istituti DG JRC

1. L-Istitut għall-Ambjent u s-Sostenibilità (IES), Ispra, l-Italja.
 - 430 impjegat u b'baġit għall-2007 ta' €41.1 miljun.
 - Aktar tagħrif: <http://ies.jrc.ec.europa.eu>
2. L-Istitut għall-protezzjoni u s-Sigurtà taċ-Ċittadin (IPSC), Ispra, l-Italja.
 - 420 impjegat u b'baġit għall-2007 ta' €37.2 miljun.
 - Aktar tagħrif: <http://ipsc.jrc.ec.europa.eu>
3. L-Istitut għall-Materjali u l-Kejl għar-Referenza (IRMM), Geel, Il-Belġju.
 - 320 impjegat u b'baġit għall-2007 ta' €39.9 miljun.
 - Aktar tagħrif: <http://irmm.jrc.ec.europa.eu>
4. L-Istitut għall-Elementi Transuranji (ITU), Karlsruhe, il-Ġermanja.
 - 300 impjegat u b'baġit għall-2007 ta' €39.1 miljun.
 - Aktar tagħrif: <http://itu.jrc.ec.europa.eu>
5. L-Istitut għas-Saħħa u għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (IHCP), Ispra, l-Italja.
 - 300 impjegat u b'baġit għall-2007 ta' €30.2 million.
 - Aktar tagħrif: <http://ihcp.jrc.ec.europa.eu>
6. L-Istitut għall-Enerġija (IE), Petten, l-Olanda.
 - 230 impjegat u b'baġit ta' l-2007 ta' €29.2 million.
 - Aktar tagħrif: <http://ie.jrc.ec.europa.eu>
7. L-Istitut għall-Istudji Teknoloġiċi Prospettivi (IPTS), Seville, Spanja.
 - 170 impjegat u b'baġit għall-2007 ta' €14.6 miljun.
 - Aktar tagħrif: <http://ipts.jrc.ec.europa.eu>

Aktar tagħrif

- Taqsima tar-Relazzjonijiet Pubbliċi, Email jrc-info@ec.europa.eu
Tel: +32 (0) 2 2957624
+39 0332 78 9523
- Web: <http://www.jrc.ec.europa.eu>